# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tlieta : 26 ta' Marzu, 2002 .

### Avviz numru : 43/01G2(PC)

Joseph u Cecilia konjugi Hili .

VS

Bruno u Suzanne konjugi Tucci u
Is-socjeta' MBT Services Limited .

Il-Qorti ;

Rat l-avviz li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhomx jigu kkundannati illi jhallsu lill-istess atturi s-somma ta' elfejn lira maltija (Lm2000) liema ammont jirrapprezenta hlas li erronjament gie miqjus bhala maghmul akkont tal-prezz ta' proprjeta' immobbli mibjugha skond kuntratt tas-sbatax (17) ta' Settembru, tal-elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) fl-atti tan-Nutar Dr. Enzo Dimech meta effettivament irrizulta illi c-cheque li permezz tieghu kien sar dan il-hlas ma giex onorat .

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali spedita f'Dicembru 2000 u bl-imghaxijiet skond il-Ligi b'effett mid-data tal-kuntratt sad-data tal-hlas relattiv .

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .

Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenuti li ggib id-data tat-3 ta' Dicembru, 2001.

Innutat li l-istess konvenuti minkejja li gew debitament notifikati bid-data ta' l-appuntament tas-smiegh ta' din il-kawza naqsu illi jattendu ghall-appuntament iffissat ghall-istess smiegh .

Semghet lill-avukat Dr. Michael Grech fl-udjenza tal-lum jikkonferma li l-ammont indikat fl-avviz ghadu kollu dovut .

Il-Qorti ghal hekk, u in vista ta' din ix-xhieda, u peress illi jidhrilha illi t-talba attrici hija gustifikata, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talba attrici, u tikkundanna lill-konvenuti solidament bejniethom sabiex ihallsu lill-atturi s-somma indikata fl-istess avviz, cioe' s-somma ta' elfejn lira maltija, rapprezentanti hlas li erronjament gie miqjus bhala maghmul akkont tal-prezz ta' proprjeta' immobbli mibjugha skond kuntratt tas-sbatax (17) ta' Settembru, tal-elf disa' mija sebgha u disgin (1997) fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Dimech meta effettivament irrizulta illi c-cheque li permezz tieghu kien sar dan il-hlas ma giex onorat .

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali spedita f'Dicembru, 2000 u bl-imghaxijiet skond il-Ligi b'effett mid-data tal-kuntratt indikat sad-data tal-hlas relattiv, kollox kontra l-konvenuti solidament bejniethom .

(ft) Paul Coppini
Magistrat

(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur